**KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 47

Il-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2014

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, il-Vici President, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida, is-Sinj. Rita Borg, Vici Sindku B'Kara, is-Sur Keith Tanti, Sindku Tal-Pieta` u s-Sur Maximillian Zammit, Sindku Ta' Xbiex.

Is-Sur Stephen Sultana, Sindku Santa Venera, informa li kellu laqgha ohra u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 46 li saret nhar il-Gimgha, 30 ta' Mejju, 2014, kienu approvati unanimament.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***Green wardens***
Il-President informa li kien infurmat mill-Authorised Officer li minhabba li ma kienx hemm *green wardens* adatti, ma kenitx saret rotta addizzjonali. Madankollu il-*green wardens* fuq iz-zewg rotot originali kienu qeghdin iduru l-lokalitajiet kollha.

**IMPJEGATI TAR-REGJUN FIT-TRIBUNAL LOKALI**

L-Agent Seg. Ezekuttiv informa li d-Dipartiment kien kiteb lir-Regjun li l-impjegati li ghandhom aktar minn 60 sena iridu jtemmu l-impjieg taghhom mill-aktar fis. Ghaldaqstant, minhabba li r-Regjun ghandu zewg haddiema *part-timers* li lahqu din l-eta`, ifisser li dawn iridu jieqfu u jidhlu ohrajn flokhom.

Ghalhekk, il-President ippropona li tohrog sejha ghal tliet impjegati fi skala 13. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. L-Agent Seg. Ezek. informa li l-ewwel trid issir sejha interna fil-Kunsilli Lokali.

**PROGETTI PROPOSTI MILL-KUNSILLI LOKALI**

Is-Sur Zammit informa li l-Kunsill Lokali Ta' Xbiex ser johrog sejha ghal van, ser jaghmel rampa ghal aktar accessibilta` u se jinstalla tabella bid-dawl fil-lokalita`.

Is-Sur Tanti qal li l-Kunsill Lokali Tal-Pieta` se jinstalla fanali godda fil-*playingfield* tal-lokalita`.

Is-Sur Chircop qal li l-Kunsill Lokali Tas-Sliema kien ghadu qed jiddeciedi xi progett ser jaghmel b'dawn il-flus.

Kien hemm qbil unanimu li sabiex ma jdumx ma jsir il-hlas lill-Kunsilli Lokali, is-Segretarju Ezekuttiv jigi awtorizzat li jaghmel il-pagament malli jircievi l-*invoice* mill-Kunsill Lokali u wara jinkludi l-pagament fix-*schedule of payments*. Dan sabiex ma jkunx hemm problemi ta' *cash flow* ghall-Kunsilli Lokali.

## MISTOQSIJIET

Is-Sur Camilleri qal li ghandha terga' titqajjem il-problema dwar il-*clamping*. Il-President qal li kien ser jitkellem dwar din il-problema mas-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo.

## KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

***Kera ufficcju Msida***

Il-President qal li minhabba li l-ufficcju ta' l-Imsida mhux ser jibqa' jintuza, ghandha tigi mwaqqfa l-kera tieghu.

***Tindif tal-post tat-Tribunal***

Il-President qal ukoll li minhabba li ser isiru aktar seduti tat-Tribunal, hemm il-htiega li l-post tat-Tribunal jibda jitnaddaf darbtejn fil-gimgha flok darba. Kien hemm qbil dwar dan.

***Laqgha fl-AKL dwar l-LES***

Il-President qal ukoll li fil-granet li gejjin ser issir laqgha fl-AKL dwar l-LES. Huwa qal li kien se jinsisti li l-affarijiet jibqghu kif inhuma u mhux id-dhul jinqasam ma' Regjuni ohra. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

Il-President, ssekondat mis-Sur Joe Camilleri ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 47 Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

## TMIEM

Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar it-Tnejn, 11 ta' Awwissu, 2014 fil-5.30pm

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President